MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Numru. 691/2000

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**CARMELO FARRUGIA ta' 42 sena, iben Paul u Mary nee' Caruana, imwieled Tal-Pieta' nhar l-4 ta' Settembru, 1967, residenti fil-fond Redeemer, Cappodoccia Street, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 371967M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi Carmelo Farrugia li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' nhar il-21 ta' Ottubru, 1998 u/jew fil-gimghat ta' qabel:

1. Bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun, u cioe' ghamel *claim* lis-socjeta' Galdes and Mamo Ltd dwar kollizjoni li saret wara s-7 ta' Gunju, 1998 u qabel it-22 ta' Ottubru, 1998, liema kollizjoni saret gewwa l-Belt Valletta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 295 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u cioe' ghamel *claim* lis-socjeta' Galdes and Mamo Ltd dwar hsarat fuq il-vettura tieghu li jeccedu s-somma ta' Lm500.00, u dan ghad-dannu ta' l-istess socjeta' u persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 41(1), 308, 309, u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll li l-imputat ta l-kunsens tieghu ghall-istess proceduri. Rat ukoll illi l-imputat kien wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi lilu addebitati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza giet instigata minn suspett li kellu Hugh Zammit, *manager* mal-kumpanija Galdes Insurance wara *claim* li saret lill-istess kumpanija mill-imputat u wara li l-istess *surveyor* tal-kumpanija John Callus kien ikkonstata d-danni lilu ndikati minn certu Paul Galea - tellar li qabbad l-istess imputat.

Fil-fatt jirrizulta li bejn l-imputat u certu Formosa Andrew (assigurat ma' Galdes Mamo Insurance Agency) kellhom incident awtomobilistiku. Mir-rapport ta' PS 86 Anthony Lia jirrizulta li vettura misjuqa mill-imputat – xarabank EBY 507 sofriet danni '*slight*' fil-'*wheel hub cups front bumper*'. (folio 27).

Issa kemm is-sewwieq tal-vettura Peugeot certu Andrew Formosa ( li fis-sitta ta' Gunju kellu ncident ma' l-imputat) kif ukoll missier Lino, li huwa s-sid tal-Peugeot, it-tnejn ikkonfermaw li x-xarabank in kwistjoni sofriet danni minimi – skond Lino girfa (folio 48). *'….kellu girfa mal-hub u girfa mal-bumper.'* (folio 49. Skond Andrew Formosa ix-xarabank sofriet *'….kellha barxa bil-hub cup ghax hu ikun kbir u barxa fuq il-bumper ta' quddiem.'* (folio 52).

Murija r-ritratti a folio 36 innegaw li dawk kienu d-danni li sofriet ix-xarabank – ghalihom dawn kienu esegerati.

Jidher illi l-perm ta' dan il-kaz jiccentra bejn is-*surveyor* ta' Galdes & Mamo u l-*panel beater* li fittex l-akkuzat biex jirranga x-xarabank tieghu.

Jirrizulta wkoll mill-atti li Carmelo Frarugia wara l-incident awtomobilistiku li kellu ma' Formosa f'Gunju, sofra bl-istess xarabank incident iehor aktar tard fl-istess sena. Ghalhekk huwa l-*claim* li sar ma' Galdes & Mamo Insurance li jiddetermina dan il-kaz, cioe' l-*claim* innifsu kienx bi frodi jkopri wkoll it-tieni ncident li Farrugia kellu ma' xaranbank ohra.

Fil-fatt is-*surveyor* ta' l-istess *insurance* certu John Callus ikkonferma li hu kien ra l-hsara li sofriet ix-xarabank, dan is-*survey* ghamlu ghand Johnny ta' Ghajn Tuffieha. Ikkonferma s-*survey report* tieghu DOK NH 3 (folio 39). Gharaf ukoll ir-ritratti DOK NH 1 li ha hu stess dakinhar tas-*survey*. Fil-fatt jghid li hu ghamel l-istima fuq il-hsarat li kien ra. Qal li kien anke mar jara l-Peugeot li maghha kienet habtet ix-xarabank, DOK NH, ammetta li l-hsarat tal-Peugeot u tax-xarabank ma kinux jaqblu (folio 45).

Qal li meta mar jaghmel is-*survey* ghand Paul Galea (*panel beater*) dan kien qallu li d-daqqa mmarkata fuq DOK NH 1 b'cirku ma kellhiex x'taqsam mal-habta. Qallu s-*surveyor* li d-daqqa li kienet tidher fuq il-faxx tax-xarabank ma kellhiex x'taqsam ma' l-incident li tieghu kien qieghed jaghmel is-*survey*.

Xehed ukoll illi waqt is-*survey*, sid ix-xarabank cioe' l-imputat ma kienx prezenti fil-hin tas-*survey*.

John Galea minn naha tieghu qal illi l-imputat kien klijent tieghu. Huwa kien jaghmel xoghol ta' *panel beating*. Ikkonferma li dwar ix-xarabank ghandu kien mar is-*surveyor* ta' l-*insurance*, jahseb John Callus. Galea xehed illi hu lis-*surveyor* Callus kien qallu li s-sewwieq kellu ncident iehor, ghalhekk il-*claim* kien qieghed isir fuq l-ewwel incident. Qal illi fil-fatt Callus kien gie jaghmel *survey* fuq l-ewwel incident.

Insista dan ix-xhud li hu lil Callus kien spjegalu sew id-danni sofferti mix-xarabank fl-ewwel incident a differenza ta' dawk li sarsu fit-tieni ncident. Spjegalu li x-xarabank kienet sofriet daqqa fuq daqqa (folio 58).

L-imputat minn naha tieghu rrilaxxa stqarrija fi stadju ta' nvestigazzjoni, DOK CF folio 23. Ghazel ukoll li jitla' jiddeponi *viva voce*.

Fl-istqarrija jghid li hu verament kien involut f'incident stradali gewwa High Road, Hamrun. Hawn jghid li x-xarabank tieghu sofriet hsarat fuq il-*hub cup*, *mud guard*, ix-xibka tal-*bumper* u l-*indicator* tieghu (folio 23). Jghid li s-sewwieq ta' l-*insurance* mar xi xahrejn wara ghand il-*panel beater* biex jara l-hsarat. Jikkonferma li rega' habat bl-istess xarabank. Ghat-tieni ncident ma gabux pulizija ghax kien wiehed zghir. Din il-habta saret gimgha wara li mar is-*surveyor*.

Dwar il-*claim* li ghamel ma' Galdes and Mamo qal li hu kien qal lis-*surveyor* bit-tieni daqqa li kien garrab. Jghid li hu kien qal lill-pulizija bl-incident tal-Hamrun u li ma ghamilx *claim* fuq il-ponta u l-fanal. Jghid li hu qal lill-*panel*

*beater* li kien involut f'zewg habtiet, kif ukoll illi hu ma kienx prezenti meta l-*panel beater* u s-*surveyor* tkellmu bejniethom.

In kontro ezami kkonferma dak li qal fl-istqarrija. Qal li meta tkellem ma' l-*insurance*, kellimhom fuq il-habta tas-sitta ta' Gunju, nonostante li cempel erba' xhur wara l-ewwel habta. Rega' qal illi wara t-tieni habta ma dahhal ebda *insurance*. Ammetta pero li s-*surveyor* tela' jara t-*truck* tieghu x-Xemxija (ghand il-*panel beater*) wara li x-xarabank kienet involuta fit-tieni habta.

Mistoqsi jekk qalx lis-*surveyor* dwar it-tieni habta, wiegeb li hu lis-*surveyor* ma kienx jafu, li b'dan kollu kien qal biss lill-*panel beater* (folio 126). Anzi jghid li hu lill-*panel beater* kien qallu li l-orange (faxx taz-zebgha) ma kellux x'jaqsam u li qaraslu l-ponta tal-pett (folio 127). Jghid li hu ghamel *claim* wiehed mal-*Bus Pool Insurance* fuq l-ewwel habta u li ma' Galdes and Mamo ma kellu xejn x'jaqsam.

It-tellar Callus darba li rega' ttella' jixhed mid-Difiza rega' kkonferma li l-imputat kien avzah li kien habat darbtejn, kif ukoll illi meta kien mar is-*surveyor* ghandu biex jara x-xarabank mahbut, hu stess kien qal lis-*surveyor* bit-tieni habta. Jghid li hu lis-*surveyor* indikalu l-ewwel daqqa.

Ikkunsidrat:

Illi jidher car mix-xhieda prodotta, li xi tahwid fil-konfront tal-habta li kellha tkopri l-*insurance* Galdes and Mamo fuq ix-xarabank ta' l-imputat zgur li kien hemm. Li mhux car huwa tali tahwid kienx wiehed intenzjonat u doluz, jew kienx wiehed naxxenti minn nuqqas ta' ftehiem. Daqstant iehor mhux car u mhux ippruvat l-involviment ta' l-imputat f'din il-*claim* dubbjuza – ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilliberah mil-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------